**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' April, 2016

Rikors Guramentat numru : 317/11 AL

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem in rappresentanza tal-minuri binha H D u XY skont digriet tal-Qorti tas-16 ta' Marzu 2016**

**vs**

**C D u Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-attrici kienet mizzewga lill-konvenut C D; illi l-esponenit ilha de facto separata minn ma zewgha u inoltre fl-24 ta' Gunju 2010 iz-zwieg imsemmi gie dikjarat null minn dina il-Qorti;
2. Illi minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-attur l-iehor, XY, twieldet tarbija, il-minuri H D, li twieled fil-15 ta' Frar 2010;
3. Illi ghalkemm il-minuri imsemmi huwa l-wild naturali tal-attur XY, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija tarbija gie rregistrat il-konvenut C D bhala l-missier naturali;

4. Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri H D, li ghandu numru ta iskrizzjoni 944/2010;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri H D mhux il-wild naturali tal-konvenut;
2. Tiddikjara illi l-minuri H D huwa fil-fatt il-wild naturali tal-attur XY;
3. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat imsemmi li huwa iskritt bin-numru 944/2010 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-present jindika "C D" jigu inseriti l-konnotati tal-attur rikorrenti, u cioe isem u kunjom l-attur rikorrenti, il-professjoni u sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-attur rikorrenti kif ukoll isem u kunjom il-missier l-attur rikorrenti, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament jingħad li talanqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri XY skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi in vena preliminari wkoll jingħad li *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri XY, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri XY, tinkiseb l-

awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għall-proċediment tal-azzjoni odjerna.

3. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri XY, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri XY, kienet wettqet adulterju ma' l-intimat C D u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-C D bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri XY, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

5. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri XY ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu li jġib in-numru ta' skrizzjoni 944 tas-sena 2010;

6. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l- esponenti jinvita lill-istess C D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri XY, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel XY. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit XY;

7. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri XY irid jagħżel liema kunjom ħa jżomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

8. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri H D *stante* li l-attrici tikkontendi li, minkejja li l-minuri li twieldet nhar il-15 ta' Frar 2010[1] twieldet fiz-zwieg bejn l-istess attrici u l-intimat C D, *stante* li z-zwieg ta' bejn il-partijiet gie dikjarat null nhar l-24 ta' Gunju 2010 b'dan li l-istess partijiet kienu diga' separati *de facto* u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie imnizzel bhala l-wild naturali tal-intimat C D, l-istess minuri m'huwiex ibnu naturali, izda l-wild naturali tar-rikorrent l-iehor XY. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimat C D mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 3 tal-process

kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati tar-rikorrent XY.

Min-naha tieghu, l-intimat Mario Borg u fil-mertu jaqbel li mhux il-missier naturali tal-imsemmi minuri filwaqt li l-intimat l-iehor Jonathan Carabott ma pprezenta ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-proceduri, pero' jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti permezz ta' affidavit.

**Il-Verzjoni tar-Rikorrenti**

Permezz tal-affidavit taghha[2], r-rikorrenti tghid li hi u l-intimat C D ilhom ma jghixu flimkien ghal snin twal, b'dan li zzid tghid li fil-verita' qatt ma kienu flimkien ghaliex dan kien kien zwieg ta' konvenjenza u xejn aktar. Izzid tghid li qatt ma kien hemm relazzjonijiet intimi bejniethom u ghalhekk m'hemm ebda possibilita' li l-minuri huwa l-iben naturali tal-istess intimat. Tghid ukoll li ilha f'relazzjoni tar-rikorrent l-iehor ghal aktar minn seba' (7) snin u li l-minuri huwa l-iben naturali tieghu u mhux ta' zewgha.

**Eccezzjonijiet ta' natura preliminari jew legali**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe' dik relatata man-nuqqas ta' awtorizzazzjoni mehtiega sabiex ir-rikorrenti A B tirrapprezenta lill-minuri bhala kuratrici appuntata sabiex tirrapprezenta l-istess minuri, l-Qorti taghmel referenza ghar-rikors datat 16 ta' Marzu 2016 kif ukoll ghad-digriet ta' din il-Qorti datat 16 ta' Marzu 2016, permezz ta' liema t-talba tar-rikorrenti giet milqugha u konsegwentement jista' jinghad li l-ewwel eccezzjoni giet survolata.

Illi anke t-tieni eccezzjoni u cioe' dik relatata man-nuqqas da parti tal-atturi li jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jintavolaw din il-kawza meta kienu ghaddew aktar minn sitt (6) xhur mit-twelid tal-minuri giet survolata permezz tar-rikors datat 8 ta' April 2015, liema rikors gie milqugh permezz ta' digriet datat 16 ta' Marzu 2016. Konsegwentement it-tieni eccezzjoni giet survolata.

---

[2] Esebit a fol 40 tal-process

## Il-Mertu tal-Kaz

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'hiwiex il-wild naturali tal-intimat C D u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

Din il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku esebit in atti, gie kkonfermat li r-rikorrent Ezze Muftah Y huwa l-missier naturali tal-istess tarbija. B'hekk, permezz tal-istess test jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri verament mhijiex il-wild naturali tal-intimat C D. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li tali fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din l- Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhuwiex il-wild naturali tal-intimat C D.

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali relatati mal-istess mertu. Ghal dak li jirrigwarda l-presunzjonijiet legali, l-Qorti terga' taghmel referenza ghall-aqwa prova li fil-fatt giet esebita in atti u cioe' d-DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi u ghaldaqstant tqis li r-rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjonijiet legali kollha u pruvat sal-grad rikjest mil-ligi t-talbiet taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri H D mhux il-wild naturali tal-intimat C D;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-minuri H D huwa l-wild naturali tar-rikorrent XY;
(3) Tilqa' t-tielet talba b'dan li tordna d-Direttur tar-Registru sabiex fic-certifikat tat-twelid bin-numru 944/2010, l-konnotati kollha tal-intimat C D ghandhom jigu kancellati u sostitwiti bil-konnotati tar-rikorrent XY u cioe':

Isem u kunjom: XY
Karta tal-identita' numru: 46467A
Eta': 36
Post tat-twelid: Tripli, Libja
Post ta' residenza meta twieldet il-minuri: Rabat, Malta
Isem u kunjom tal-missier patern:  M Y
Il-kunjom li ghandu jassumi l-minuri:  Y

Bl-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti u mill-intimat C D fi kwoti indaqs bejniethom.